**Assessjar *għat*-Tgħallim**
**u**
**Studenti bi Ħtiġijiet Edukattivi Speċjali**

L-għan ta' dan id-dokument huwa li jipprovdi sinteżi tas-suġġetti ewlenin li ħarġ u mill-proġett tal-Assessjar tal-Agency f'Ambjenti Inklużivi f'dak li jirrigwardja l-kunċett tal-Assessjar *għat*-Tgħallim lil Studenti bi Ħtiġ ijiet ta' Edukazzjoni Speċjali (*SEN – Special Educational Needs*).

Wieħed mill-aspetti ewlenin ta' assessjar inklużiv fil-prattika, li ħareġ minn diskussjonijiet kontinwi ma' Esperti tal-Proġett kien il-kunċett tal-Assessjar *għat*-Tagħlim. Wieħed jista' jsib referenzi għal dan il-kunċett fil-biċċa l-kbira tar-Rapporti tal-Pajjiżi, hekk magħrufa bħala *Country Reports*, fuq sistemi ta' assessjar nazzjonali (www.european-agency.org/site/themes/assessment/index.shtml). F'dawn ir-Rapporti tal-Pajjiżi, l-Assessjar *għat*-Tgħallim jista' jidher bħala tip 'kwalitattiv' ta' proċeduri ta' assessjar. Dan it-tip ta' assessjar – li nirreferu għalih bħala assessjar 'formattiv' jew 'kontinwu' – bħala regola jsir fil-klassijiet minn għalliema tal-klassi jew professjonisti li jaħdmu mal-għalliem/a tal-klassi. Dan it-tip ta' assessjar huwa wieħed dwar proċeduri ta' assessjar li l-għalliema għandhom jieħdu fit-tagħlim u l-iggwidar fejn jidħol l-ippjanar tat-tagħlim.

Bħala xogħol ewlieni fit-tieni fażi tal-proġett tal-Agency, ittieħdet deċiżjoni biex il-kunċett tal-Assessjar *għat*-Tgħallim jiġi esplorat aktar fil-fond u kif dan jista' jiġi applikat għall-assessjar f'ambjenti inklużivi. Hawnhekk saru żewġ attivitajiet:

- Tiftix dwar il-letteratura diġà eżistenti. Din kienet tiftixa qasira ta' materjal bil-lingwa Ingliża (jekk jogħġbok ara l-lista ta' referenza fl-aħħar ta' dan id-dokument);
- Diskussjonijiet mal-Esperti kollha tal-Proġett.

L-informazzjoni miġbura mill-ewwel tiftix dwar il-letteratura eżistenti kienet ippreżentata mill-Esperti tal-Proġett bħala stimulu għad-diskussjoni tagħhom. Dan wassal lill-Esperti biex jirriflettu dwar id-differenzi bejn Assessjar *għat*-Tgħallim (formattiv, assessjar kontinwu) u Assessjar *tat*-Tagħlim (assessjar summattiv) bl-użu ta' dawn il-parametri:

| **PARAMETRI** | **ASSESSJAR *GĦAT*-TGĦALLIM** | **ASSESSJAR *TAT*-TAGĦLIM** |
|---|---|---|
| Għan | Jgħin biex wieħed jiitgħallem | Kontabilità (marbuta ma' *standards* imfassla minn qabel) |
| Miri | Iservi ta' għarfien biex wieħed jagħraf kif jgħallem u kif jitgħallem<br>Jiffoka fuq titjib<br>Jiżviluppa l-ħiliet tar-riflessjoni tal-istudenti | Ġbir ta' informazzjoni dwar dak li jkun inkiseb (rekord tal-marki)<br>Tqabbil ma' miri li jkunu mfassla minn qabel<br>Iffukar fuq fejn wieħed ikun wasal |
| 'Atturi' | Għalliema, Studenti, Ġenituri, Ħbieb<br>Professjonijiet oħra fl-iskola | Għalliema<br>Prattikanti esterni |
| Meta | Kontinwu | Fi żminijiet fissi u lesti minn qabel |
| Għodod | Diskussjonijiet, osservazzjonijiet, assessjar mill-individwu nnifsu/ha, assessjar minn sħab l-individwu, dibattiti tal-għalliem/a, kumment-biss, djalogu, ikkwestjonjar, *feedback*, l-ebda ggradar (*no-grading*), *portafolio*, pjan edukattiv individwali | Testi, iddrilljar, iggradar, immarkjar, ikkwestjonjar, osservazzjoni |

Addattat minn Harlen (2007a)

Id-differenza ewlenija bejn Assessjar *għat*-Tgħallim u Assessjar *tat*-Tagħlim tista' tintqies bħala l-għan li għalih l-għalliema u professjonisti oħra jiġbru evidenza għat-tgħallim.

Għalkemm xi għodod jistgħu jkunu l-istess (eż. ikkwestjonjar) l-aspetti ewlenin li joħorġu mill-*feedback* li jipprovdu l-Esperti tal-Proġett jindikaw li huwa neċessarju li wieħed iżomm f'moħħu li:

- L-Assessjar *għat*-Tgħallim għandu l-għan li jtejjeb it-tagħlim; Assessjar *għat*-Tagħlim għandu l-għan li jassigura kontabiltà (tal-iskejjel u l-għalliema).
- L-Assessjar *għat*-Tgħallim jesplora l-potenzjal għat-tagħlim u jindika li l-pass li jmiss li jittieħed biex jippromwovi t-tagħlim u jiffoka fuq id-dinamika tat-tagħlim u t-tgħallim); Assessjar *għat*-Tgħallim juri dak li jkun diġà nkiseb, ġie miftakar u assorbit. Fl-istess ħin jagħti ritratt tal-qagħda tal-istudent/a.
- L-'atturi' involuti fl-Assessjar *għat*-Tgħallim ikunu kapaċi joffru nebħ dwar il-progress li l-istudent/a jkun laħaq u kif l-iskola għenet biex intlaħaq dan il-progress. Hawnhekk ta' min jgħid li l-atturi involuti fl-Assessjar *għat*-Tgħallim jinkludu professjonisti li huma esterni għas-sitwazzjoni tal-iskola (eż. inspekters). Dawn jistgħu jintalbu biex jagħtu ritratt ta' skola, fis-sens li jiddeskrivuha f'xi mumenti partikolari tagħha. Madankollu jista' jiġri li huma mhux dejjem ikunu jafu l-ħajja u l-kuntesti tal-iskola, b'dettall biżżejjed biex ikun f'qagħda li jipprovdu nebħ dwar it-tgħallim tal-istudenti.

**Assessjar *għat*-Tgħallim u l-iStudenti bl-SEN?**

Il-kunċett li permezz tiegħu wieħed jipprovdi *feedback* għall-istudenti dwar it-tgħallim tagħhom huwa l-element kruċjali biex wieħed jifhem id-differenza potenzjali bejn l-użu tat-terminu Assessjar *għat*-Tgħallim mill-edukaturi b'mod ġenerali – kif bħala regola jintuża fil-proġett tal-*Country Reports* – u l-użu tat-terminu f'kuntest ta' riċerka.

Fuq kollox, l-Assessjar *għat*-Tgħallim għandu l-għan li jiġbor evidenza dwar it-tagħlim, li tintuża, biex wieħed jaddatta t-tagħlim u l-passi sussegwenti li jkollhom jittieħdu fit-tgħallim. L-evidenza dwar it-tgħallim hija kruċjali għax din tindika jekk kienx hemm ċaqliq (jew le) fil-progress tat-tgħallim tal-istudent u possibilment anke fil-proċessi tat-tgħallim. Fuq il-bażi ta' evidenza bħal din, l-għalliema jkunu jistgħu jifformulaw miri/għanijiet u jkunu kapaċi jipprovdu lill-istudenti bil-*feedback* dwar it-tgħallim (Sara Hattie and Timperly, 2007). B'hekk ikunu f'qagħda li jindikaw b'mod ċar lill-istudent/a mhux biss dak li jkun tgħallem/et, imma anke jagħtihom informazzjoni fuq kif wieħed seta' tgħallmu u kif wieħed l-aħjar għandu jitgħallem fil-futur. Il-*feedback* ipprovdut waqt l-Assessjar *għat*-Tgħallim jikkontribwixxi għar-riflessjoni tal-istudenti fuq it-tgħallim tagħhom.

Fost il-letteratura ta' riċerka għal din l-investigazzjoni, l-Assessjar *għat*-Tgħallim ħafna drabi jiġi deskritt bħala li jinvolvi din il-forma ta' riflessjoni, jew b'mod aktar speċifiku, bħala mod li permezz tiegħu l-istudenti jirriflettu fuq it-tgħallim tagħhom hekk kif jidħlu b'mod attiv f'dik li tissejjaħ *feedback loop* interattiva mal-għalliema tagħhom. L-għan essenzjali biex wieħed iħaddem din il-*feedback loop* fl-Assessjar *għat*-Tgħallim huwa li jippromwovi l-meta-konjizzjoni tal-istudenti; jiġifieri x'jifhmu huma nfushom mhux biss dwar dak li jitgħallmu, imma kif jitgħallmu u kif jistgħu jitgħallmu fl-aħjar mod.

Dan ġie ppreżentat b'mod ċar mill-Grupp tar-Riforma tal-Assessjar (2002) li ddeskriva l-Assessjar *għat*-Tgħallim bħala:

> *… il-proċess li bih wieħed ifittex u jinterpreta evidenza għall-użu ta' min ikun qiegħed jitgħallem u l-għalliema tagħhom biex dawn jiddeċiedu fejn it-tgħallimin (dawk li jkunu qegħdin jitgħallmu) jinsabu fit-tagħlim tagħhom, fejn jinħtieġ li jmorru, u kif ikun l-aħjar li jaslu hemm.*

(Il-Grupp għar-Riforma tal-Assessjar, p.2)

L-Assessjar *għat*-Tgħallim, f'dan il-kuntest imsejjes fuq ir-riċerka, jinvolvi aspetti ta' riflessjoni u assessjar tal-individwu nnifsu dwaru nnifsu. Fl-istess ħin dan l-eżerċizzju jgħin biex l-individwu jiżviluppa lilu nnifsu fil-mod kif isir it-tgħallim u kif dan jista' jiġi żviluppat aktar. Dan huwa ta' relevanza partikolari għax l-Assessjar *għat*-Tgħallim jenfasizza l-assessjar bħala proċess ta' meta-konjizzjoni (ara per eżempju n-nozzjoni ta' Assessjar *bħala* Tagħlim fil-*Western and Northern Canadian Protocol For Collaboration in Education*i, 2006). Dawn in-nozzjonijiet, madankollu, huma dejjem il-fowkus ewlieni meta l-kunċett ta' Assessjar *għat*-Tgħallim jintuża b'mod aktar ġenerali (jiġifieri bħal fil-proġett tal-*Country Reports*).

Meijer (2003) jissuġġerixxi li *dak li huwa tajjeb għall-istudenti bi ħtiġijiet ta' edukazzjoni speċjali huwa tajjeb ukoll għall-istudenti kollha*. Ta' min jgħid ukoll li din il-massima hija waħda li kienet ikkunsidrata fil-proġett kollu tal-Assessjar tal-Agency. Madankollu, meta wieħed jikkunsidra l-kunċett ta' Assessjar *għat*-Tgħallim, li kien riżultat ta' riċerka, wieħed għandu jżomm f'moħħu li x-xogħol sar ma' studenti mingħajr SEN. Fix-xogħol ta' riċerka ta' Assessjar *għat*-Tgħallim li ġie kkunsidrat fil-letteratura (Lynn u et al., 1997; Black and Wiliam, 1998), ftit li xejn ingħataw importanza aspetti ta' assessjar fejn jidħlu studenti bl-SEN.

Konsegwenza ta' dan, ittieħdet deċiżjoni biex b'mod attiv wieħed jesplora, fi ħdan l-Agency tal-Proġett tal-Assessjar, ir-relevanza tal-kunċett ta' Assessjar *għat*-Tgħallim imsejjes fuq ir-riċerka *għat*-tgħallim ta' studenti bl-SEN. Barra minn hekk jiġu esplorati wkoll l-implikazzjonijiet possibbli għall-proċeduri tal-assessjar użati minn għalliema, maniġers ta' skejjel, ġenituri u anke l-istudenti nfushom. Fil-proġett tal-Agency tal-Assessjar, għalhekk, il-mistoqsija ċentrali ħarġet bħala li *dak li huwa tajjeb għal ħafna studenti tajjeb ukoll għal studenti bl-SEN*? Id-diskussjoni ma' esperti tal-proġett, essenzjalment esplorat jekk il-kunċett ta' riċerka ta' Assessjar *għat*-Tgħallim kienx validu għal studenti bl-SEN.

L-esperti ddibattew żewġ oqsma ewlenin:
1. L-Assessjar *għat*-Tgħallim ifisser l-istess għal studenti li għandhom jew m'għandhomx SEN? Hawnhekk japplikaw l-istess prinċipji?
2. Hemm differenzi fl-użu ta' Assessjar *għat*-Tgħallim għal studenti li għandhom jew m'għandhomx SEN? Jekk inhu hekk x'inhuma dawn id-differenzi għal studenti, għalliema, maniġers ta' skejjel u prattika edukattiva?

**Assessjar *għat*-Tgħallim – kunċett relevanti**

L-aspett ewlieni li ħareġ mid-diskussjonijiet tal-Esperti tal-Proġett huwa l-qbil li *l-Assessjar għat-Tgħallim huwa element sinifikanti biex ikun hemm tagħlim u fl-istess ħin li wieħed jitgħallem biex jgħallem b'suċċess lill-istudenti, inklużi dawk bl-SEN.*

Fl-essenza tagħha, il-mistoqsija kritika li wieħed għandu jistaqsi mhijiex jekk l-Assessjar *għat*-Tgħallim jistax jiġi applikat għall-istudenti bi ħtiġijiet speċjali, imma aktar kif dan jista' jiġi applikat.

Madankollu, l-esperti tal-proġett ma setgħux ukoll ma jistaqsux, din id-darba b'daqsxejn tħassib mhux ħażin, fejn jidħol l-Assessjar *għat*-Tgħallim fir-rigward ta' studenti li jkollhom ħtiġijiet ta' natura severa ħafna. Dan jgħodd b'mod partikolari, fil-mod kif wieħed jista' jinvolvi studenti li jkollhom diffikultajiet ta' tagħlim, multipli u profondi, fil-*feedback loop*.

Madankollu, ir-riflessjonijiet tal-esperti tal-proġett fuq din id-diffikultà potenzjali tista' tinġabar kif ġej:

> *… studenti li jkollhom diffikultajiet profondi m'għandhomx bżonn sistemi ta' assessjar differenti, imma metodi/għodod ta' assessjar differenti biss.*

**Assessjar *għat*-Tgħallim – metodi u għodod**

Ta' min iżid li fejn jidħlu għodod għal Assessjar *għal* Tgħallim, l-Esperti tal-Proġett kellhom *feedback* li jindika li ħ afna Assessjar għal aproċji ta' Tagħlim (bħal osservazzjonijiet individwalizzati, *portfolios* u djarji) kienu użati b'mod estensiv f'ambjenti ta' edukazzjoni bi ħtiġijiet speċjali għal żmien konsiderevoli.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' metodi u għodod potenzjali oħra huwa importanti li wieħed jagħraf il-fatt li fl-Assessjar *għat*-Tgħallim jistgħu jintużaw il-metodi u l-għodod li jintużaw mal-SEN sakemm dawn ikunu modifikati u aġġustati biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet tal-istudent/a individwali.

L-osservazzjoni tal-għalliema tqieset mill-Esperti tal-Proġett bħala metodu ewlieni kif wieħed jista' jiġbor informazzjoni għall-Assessjar *għat*-Tgħallim. Dan l-aproċju jidher bħala partikolarment relevanti għall-istudenti bl-SEN għaliex jista' jkun l-uniku metodu li wieħed jista' jkollu biex jiġbor tagħrif dwar it-tgħallim tal-istudenti li jużaw forom ta' komunikazzjoni, li jistgħu jkunu fost ħwejjeġ oħra, ta' natura pri-verbali.

Madankollu, l-Esperti tal-Proġett isostnu li l-għalliema għandhom bżonn jingħataw aktar iggwidar mill-ispeċjalisti biex itejbu l-ħiliet tagħhom fl-osservazzjoni. B'mod speċifiku, l-esperti tal-proġett indikaw li aktar iggwidar għandu jingħata biex jiġu ż viluppati aktar metodi ta' osservar ta' studenti bl-SEN. Xi suġġerimenti inkludew l-użu ta' *videos* bħala għodod li jgħinu biex tinġabar evidenza ta' tgħallim għall-istudenti b'diffikultajiet profondi f'dan il-qasam. Din l-evidenza, min-naħa tagħha għandha tipprovdi lill-għalliema bl-aħjar opportunitajiet biex jirriflettu fuq l-assessjar u jiddiskutu l-evidenza mal-kollegi tagħhom.

L-ikkwestjonjar ħafna drabi huwa parti integrali mill-interazzjoni bejn għalliem/a u student/a li jseħħ fl-Assessjar *għat*-Tgħallim fil-*feedback loop*. Esperti tal-Proġett indikaw li, li wieħed jgħaddi minn proċess ta' kwestjonjar, studenti bl-SEN huwa mhux biss possibbli u neċessarju, imma:

> *… jekk il-mistoqsijiet ikunu magħmula b'tali mod li jagħtu ċ ans lill-istudenti ikollhom biżżejjed ż mien biex iwieġbu (il-famuż 'wait time') … kif ukoll jekk l-istudenti jiġu offruti biżżejjed stimoli li permezz tagħhom il-mistoqsija titqarreb aktar lejhom … ngħidu aħna permezz ta' stimuli viżwali aktar milli stimuli verbali, kif ukoll permezz ta' modi differenzjati ta' kif ikunu jistgħu jwieġbu, ngħidu aħna permezz tal-kuntatt bl-għajnejn … dan jgħin ħafna fit-tgħallim.*

Barra minn hekk, l-Esperti tal-Proġett indikaw ukoll li l-*portfolio* – jekk megħjun b'tagħrif ieħor, ngħidu aħna l-IEP tal-istudent/a jew il-programmi terapewtiċi speċjalisti – jistgħu jkunu għoddod għal djalogu ma' professjonisti u ġenituri.

Fl-aħħar, l-Esperti tal-Proġett esprimew l-opinjoni tagħhom li approċji li jinkoraġġixxu l-assessjar li wieħed jagħmel lilu innifsu/ha, b'mod speċjali fejn tidħol ir-riflessjoni, iservu bħala għodod fl-Assessjar *għat*-Tgħallim. Huwa importanti madankollu li dawn jiġu addattati b'mod adekwat biex jilħqu l-ħtiġijiet individwali tal-istudenti. Tisħiħ ta' dan it-tip fl-assessjar jitqies bħala l-għan kruċjali għal studenti b'diffikultajiet severi ta' tagħlim. Dan jgħodd b'mod speċjali f'dawk il-każijiet meta l-għanijiet personali tat-tgħallim ikunu jinħtieġu

indipendenza u awtonomija fl-istess ħin. Dawn il-kompetenzi huma ħiliet fundamentali li huma megħjuna mill-iżvilupp ta' riflessjoni dwar l-individwu nnifsu/ha. Barra minn hekk huma wkoll ħiliet meta-konjittivi (Porter et al., 2000).

**Assessjar *għat*-Tgħallim – implikazzjoni għall-maniġers tal-iskejjel**

L-Esperti tal-Proġett kollha qablu fuq l-importanza tar-rwol li għandhom il-maniġers tal-iskola biex joħolqu l-opportunitajiet għall-għalliema biex jiddiskutu u jirriflettu fuq aspetti ta' assessjar, u għall-ġenituri biex jieħdu sehem fil-proċess ta' assessjar għat-tfal tagħhom. Hemm ħtieġa ta':

> *… kapijiet u maniġers li għandhom ir-rwol ta' kapijiet deputati tal-iskejjel (biex) jimmonitoraw l-ippjanar u l-assessjar … aktar djarji tad-dar/l-iskola, studji ta' iċċettjar informali, telefonati.*

Il-maniġers tal-iskola huma 'atturi' ewlenin fl-iżvilupp ta' *ethos* organizzazzjonali li jagħraf l-involviment tal-istudenti bħala fundamentali (Porter, Roberstson u Hayhoe, 2000). Mingħajr rispett għax-xewqat tal-istudenti, u filosofija ġenerali tal-iskola li ssostni l-parteċipazzjoni tal-istudent, l-Assessjar *għat*-Tgħallim ma jkollux wisq ċans li jiżviluppa.

Fuq kollox, fejn jidħlu l-maniġers tal-iskejjel, l-Esperti tal-Proġetti minn pajjiżi differenti tal-Agency indikaw li hemm ħtieġa kbira għalihom li jipprovdu lill-għalliema kollha b'aktar ħin formali biex jirriflettu fuq l-użu tagħhom tal-assessjar biex b'hekk ikunu jistgħu jieħdu sehem b'aktar suċċess fl-Assessjar tal-proċessi *għat*-Tgħallim mal-istudenti.

**Konklużjonijiet**

Il-kontribuzzjonijiet kollha mill-proġetti tal-esperti kienu unanimi: il-kunċett tal-Assessjar *għat*-Tgħallim kif inhuwa mifhum bħalissa mill-pajjiżi, imma – l-aktar importanti għal dan id-dibattitu – kif ukoll kif deskritt fil-letteratura tar-riċerka jgħodd ukoll għall-istudenti kollha: inklużi dawk bl-SEN.

Mid-diskussjonijiet li nżammu mill-Esperti tal-Proġett, din il-propożizzjoni tista' tiġi żviluppata aktar: Assessjar *għat*-Tgħallim jikkonċerna lill-istudenti kollha u minn perspettiva inklużiva m'għandux ikun hemm ħtieġa li wieħed jiddifferenzja bejn studenti li jkollhom jew ma jkollhomx SEN. Għall-kuntrarju wieħed għandu jiddifferenzja l-prattika fil-klassi biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-istudenti.

Meħuda f'dan id-dawl wieħed jista' jasal għal erba' punti ewlenin:

1. L-istess prinċipji ta' Assessjar *għat*-Tgħallim japplika għall-istudenti li jkollhom jew ma jkollhomx SEN.

2. L-unika differenza fl-Assessjar *għat*-Tgħallim bejn studenti li jkollhom jew ma jkollhomx ħtiġijiet edukattivi speċjali hija essenzjalment fit-tip ta' għodod u ta' assessjar/metodi komunikattivi użati mill-għalliema.

3. L-uniku qasam ta' tħassib li għandu x'jaqsam mal-Assessjar *għat*-Tgħallim li jiġi applikat għal studenti bl-SEN għandu x'jaqsam man-nozzjoni ta' Assessjar *għat*-Tgħallim bħala għodda għar-riflessjoni tal-istudenti fuq it-tgħallim tagħhom (jiġifieri l-interazzjoni bejn l-istudent/a u l-għalliem/a fil-*feedback loop*). Għal studenti li jużaw forom alternattivi ta' komunikazzjoni dan il-proċess ta' *feedback* ma jistax jopera fil-mod 'tradizzjonali' tal-lingwa. F'dan il-każ jeħtieġ li jiġu esplorati u implimentati approċji aktar individwalizzati,

għodod ġodda ta' assessjar u mezzi varji ta' interazzjoni bejn għalliema u studenti. Dan għandu jsir bil-għan li l-għalliema jkunu jistgħu jassessjaw kemm il-gosti tal-istudenti kif ukoll aspetti oħra.

4. Ħafna metodi u għodod tal-Assessjar *għat*-Tgħallim ġew żviluppati f'ambjenti ta' edukazzjoni bi ħtiġijiet speċjali u jistgħu jiġu trasferiti f'ambjenti *mainstream* biex l-edukazzjoni titjieb għall-istudenti kollha.

Fil-qosor, l-Assessjar *għat*-Tgħallim jista' u għandu jiġi applikat għall-istudenti kollha, inklużi dawk bl-SEN, darba waħda li, it-tibdil u l-modifikazzjonijiet relevanti u neċessarji jsiru bil-għan li jiġi assigurat is-sehim sħiħ tal-istudent/a fil-proċess tal-assessjar.

M'hemmx dubju li d-diskussjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kunċett tal-Assessjar *għat*-Tgħallim fi ħdan l-Agency tal-Proġett tal-Assessjar, għadha kif tatna biss il-punt tat-tluq, fi kliem ieħor dak li bih nistgħu nibdew. M'hemmx dubju li fil-ġejjieni, hemm bżonn li jkun hemm eżami aktar dettalljat, kif ukoll aktar riċerka bir-reqqa f'dik li hija prattika, biex b'hekk l-istudenti bl-SEN ikunu jistgħu jintlaħqu dejjem aħjar.

Huwa mistenni li r-riflessjonijiet mill-proġett tal-esperti, kif ukoll l-asserzjonijiet tagħhom dwar l-ħtieġa tal-kunċett li wieħed jgħin fil-proċessi tat-tgħallim tal-istudenti kollha għandu jkun preżenti fil-ħidma u d-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu mill-*policy makers* edukazzjonali u l-prattikanti f'dawn l-oqsma fl-Ewropa kollha.

*Wieħed jista' jikseb test sħiħ ta' dan id-dokument, kif ukoll il-kwotazzjonijiet, direttament mill-Esperti tal-Proġett li għandhom x'jaqsmu mal-konklużjonjiet ewlenin ta' dan id-dokument minn: http://www.european-agency.org/site/themes/assessment/index.shtml*

**Referenzi**


Assessment Reform Group (1999) *Assessment for Learning: Beyond the Black Box*. Cambridge: University of Cambridge School of Education.

Assessment Reform Group (2002) *Assessment for Learning: 10 principles. Research-based principles to guide classroom practice.* Nuffield Foundation: Electronic source available online at: http://www.qca.org.uk/libraryAssets/media/4031_afl_principles.pdf (Last accessed November 2008).

Black, P. and Wiliam, D. (1998) *Inside the Black Box: Raising Standards through Classroom Assessment* Phi Delta Kappan, 80, 139-148. Available online: http://www.pdkintl.org/kappan/kbla9810.htm (Last accessed July 2008).

Black, P. and Wiliam, D. (2002) *Inside the Black Box: Raising Standards through Classroom Assessment* London: King's College.

Harlen, W. (2007a) *Assessment of Learning.* London: Sage.

Harlen, W. (2007b) *The Quality of Learning: assessment alternatives for primary education.* (Primary Review Research Survey 3/4). Cambridge: University of Cambridge.

Hattie, J. & Timperly, H. (2007) The power of feedback. *Review of Educational Research*, Vol. 77, N.1, pp. 81-112.

Lynn, S. F. and et al. (1997) 'Effects of task-focused goals on low-achieving students with and without learning disabilities' *American Educational Research Journal, 34, 513-543*.

Meijer, C. J. W. (ed.) (2003) *Inclusive Education and Classroom Practices.* Middelfart: European Agency for Development in Special Needs Education.

Porter, J., Robertson, C. and Hayhoe, H. (eds.) (2000) *Classroom Assessment for Students with Learning Difficulties/Disabilities.* Birmingham: Qualifications & Curriculum Authority.

Wiliam, D. (2007) *Assessment for learning: why, what and how.* London: Institute of Education, University of London.

Wiliam, D. and Leahy, S. (2007) 'A theoretical foundation for formative assessment'. In J. McMillan, H. (ed.) *Formative Classroom Assessment: Theory into Practice* (pp. 29-42). New York: Teachers College Press.

Western and Northern Canadian Protocol for Collaboration in Education, (ed.) (2006) *Rethinking Classroom Assessment with Purpose in Mind*. Crown Right of the Government of Alberta, British Columbia, Manitoba, Northwest Territories, Nunavut, Saskatchewan, Yukon Territory: Western and Northern Canadian Protocol for Collaboration in Education.